SANTA LUĊIJA

MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**It-Tmien Leġislatura**
**Laqgħa Numru 06-19**

**25 ta' Novembru 2019**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Terrence Ellul - Kunsillier
Kylie D'Amato – Kunsillier
Liam Sciberras - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Hadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa.

**6.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji

**6.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 05-19**

**6.2.1 *Lista ta' siġar li għandhom bżonn li jinżabru***

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuta 5.4.19 u staqsa dwar ix-xogħol fuq iż-żbir ta' siġar. Is-Sindku qalet li ser issir laqgħa ma' uffiċjal tal-ELC Ltd f'dan ir-rigward. Huwa ippropona li l-lista tas-siġar li għandhom bżonn jinżabru għandha terġa tintbagħt permezz ta' *e-mail* ħalli jkun jista' jara hemmx bżonn iżid xi siġar oħra għaż-żbir.

**6.2.2 *Vettura għall-ġarr ta' materjal***

Il-Kunsillier Terrence Ellul irrefera għall-minuta 5.3.3 u staqsa kif kien baqa' l-Kunsill fuq ix-xiri jew kiri ta' vettura għal ġarr ta' materjal. Is-Sindku qalet lir-rata li ntalbet għal kiri ta' din il-vettura kienet marbuta għal perjodu ta' tlett snin. Hija qalet li r-rata li ntalbet għal perjodu ta' tlett xhur kienet tant għolja li f'dan il-każ il-Kunsill ma jaqbillux jikri iżda jixtri.

**6.2.3 *Kunċert tal-Korijiet taħt il-Patruċinju tal-E.T. Dr George Vella President ta' Malta***

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuta 5.4.7 u staqsa jekk kienx possibli li jiġu nklużi parteċipanti oħra. Huwa kien infurmat li issa kien tard wisq. Ġie deċiż li l-Kunsilliera Kylie D'Amato tipprepara avviż biex il-Kunsill ikollu informazzjoni dwar min għandu xi talent u hu interessat jipparteċipa fl-attivitajiet li jtella l-Kunsill.

***6.2.4 Fanali Ġodda għal Pjazza Dorell***

Il-Kunsillier Terrence Ellul irrefera għall-minuta 5.4.10 u staqsa dwar il-fanali li kellhom jinxtraw fi Pjazza Dorell. Huwa ġie nfurmat li dawn il-fanali ġew ordnati.

**6.2.5 *MOC Awards 2019***

Il-Kunsillier Terrence Ellul irrefera għall-minuta 5.4.12 u staqsa kienx hemm xi żvilupp dwar din l-inizjattiva. Is-Sindku qalet li ser tkun qed tattendi għal *press conference* f'dan ir-rigward.

6.2.6 ***Manutenzjoni fil-Playing Field Area***

Il-Viċi Sindku irrefera għall-minuta 5.8.1 u qal li jekk it-temp jippermetti ser ikompli x-xogħol fuq il-*playing field* u ser tinżebaħ l-art.

6.2.7 ***Inizjattiva Young Warriors 2019***

Il-Kunsilliera Kylie D'Amato infurmat lill-Kunsill li l-parteċipazzjoni tal-Kunsill f'din l-inizjattiva kienet suċċess.

6.2.8 ***Approvazzjoni tal-Minuti***

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 05-19 ġew approvati mill-Kunsill.

6.3 **Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

6.3.1 ***Approvazzjoni ta' Xiri u Kwotazzjonijiet***

6.3.2 ***Upgrade tar-Road Map ta' Santa Luċija***

Il-Kunsill iddiskuta kwotazzjoni oħra biex isir *upgrade* tar-Road Map li hemm f'Dawret it-Torri. Ġie innutat li l-kwotazzjoni li tressqet fil-laqgħa preċedenti ma' kienitx tinkludi xogħol fuq l-elettriku. Il-Kunsill innota li l-kwotazzjoni li kellu quddiemu l-Kunsill li tammonta għal €1250.00 Vat eskluż kienet tinkludi l-ispiża totali inkluż id-dwal. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol li jrid jiġi ordnat għandu jkun jinkludi kollox u għaldaqstant approva din il-kwotazzjoni.

6.3.3 ***Kwotazzjoni għal xiri ta' għamara għall-librerija pubblika ta' Santa Luċija***

Saret referenza għall-fondi li ser jingħata l-Kunsill taħt skema maħruġa mid-Direttorat Għal Gvern Lokali. Il-Kunsill approva żewġ kwotazzjonijiet bi spiża totali ta' €700.00 marbuta ma' xiri ta' għamara biex jiġu implimentati l-proposti tal-Kunsill taħt din l-iskema.

6.3.4 ***Kwotazzjoni biex isir upgrade tal-basketball pitch fil-Playing Field***

Il-Kunsill iddiskuta żewġ kwotazzjonijiet biex isir *upgrade* tal-*basketball pitch* fil-*playing field area*. Il-kwotazzjonijiet ikopru l-wiċċ tal-*pitch* b'matejal speċifiku għal dan il-għan u x-xiri ta' *Basketball Post.*

Il-kwotazzjonijiet kienu jammontaw għal total ta' €9183.40 u €4576.00. Il-Kunsill approva l-orħos offerta.

6.3.5 ***Kwotazzjoni għal xogħol fuq manutenzjoni tal-bandli***

Il-Kunsill approva kwotazzjoni li tammonta għal €354.00 biex issir il-manutenzjoni fuq il-bandli li hemm fil-*playing field area*.

**6.3.6** ***Kwotazzjoni għal tabelli tat-traffiku***

Il-Kunsill iddiskuta kwotazzjonijiet fuq tabelli tat-traffiku. Dawn il-kwotazzjonijiet jinkludu tabelli tal-ħadid, tal-aluminum u tar-resin. Il-Kunsill innota li dawk tar-resin, għad li xi ftit aktar fil-prezz, ser iservu aktar. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li meta jsiru tabelli ġodda, dawn għandhom ikunu tar-resin.

**6.3.7** ***Malta Records***

Il-Kunsill approva kont ta' €118.00 lill-Malta Records fuq inizjattiva tas-siġra tal-Milied li saret bil-fliexken tal-*plastic*.

**6.3.8** ***Talbiet għal kumpens fuq ħsarat ta' tyres tal-karozzi***

Il-Kunsill innota tlett talbiet għal kumpens fuq ħsarat fuq *tyres* tal-karrozzi kawża ta' ħsarat fil-wiċċ tat-triq fid-daħla minn Tal-Barrani għal fuq Dawret it-Torri. Is-Sindku qalet li dawn it-talbiet ser jintbgħatu lill-Infrastructure Malta.

**6.3.9** ***Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti***

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM06-19 għall-perjodu bejn il-15 ta' Ottubru 2019 u s-7 ta' Novembru 2019 u minn *cheque* numru BOV 7814 sa *cheque* numru BOV 7854.

**6.4** ***Rapport Finanzjarju għat-Tielet Kwart tas-Sena (01-01-2019 sa 30-09-2019)***

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat rapport finanzjarju għat-Tielet Kwart tas-sena. Presenti għall-laqgħa kien hemm l-Accountant tal-Kunsill li spjegat dan ir-rapport finanzjarju u qalet li l-Kunsill għalaq dan il-perjodu b'*surplus*. Il-Kunsill approva dan ir-rapport.

**6.5** **Kommunikazzjonijiet mis-Sindku**

**6.5.1** ***Rapport tal-Perit tal-Kunsill fir-rigward taż-Zuntier tal-Knisja***

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li tħejja rapport professjonali li jindika li parti miz-zuntier tal-Knisja hija ikkundannata. Is-Sindku qalet li ser tkun qed iżżomm lill-Kunsill infurmat b'kull żvilupp f'dan ir-rigward.

**6.5.2** ***Assigurazzjoni tal-assi tal-Kunsill***

Is-Sindku qalet li l-assigurazzjoni tal-assi tal-Kunsill ser tiġi nġedda b'xahar biex tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2019. Hija nfurmat ukoll li ser ikunu qed jinġiebu kwotazzjonijiet ġodda għal dan is-servizz.

**6.5.3** ***G4S tiġdid tal-Kuntratt***

Is-Sindku ressqet quddiem il-Kunsill dokument ta' tiġdid tal-kuntratt mal-G4S ta' *cash in transit*. Ġie innutat li kien hemm żieda ta' 2euro fuq kull vjaġġ. Il-Kunsill approva dan il-kuntratt għal perjodu ta' sena.

**6.5.4** ***Skema Proġetti Kapitali – Sistema ta' Irrigazzjoni***

Is-Sindku rreferit għall-applikazzjoni li issottometta l-Kunsill taħt din l-iskema u nfurmat li l-fondi approvati għal dan il-proġett jammontaw għas-somma totali ta' €19,421.00.

**6.5.5** ***Fun Run***

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-Fun Run li kienet qed tipproponi ma tistax issir għalissa minħabba is-sitwazzjoni preżenti tat-traffiku u ser ikollha tiġi posposta.

**6.5.6** ***Attivita tal-Milied li ser tittella flimkien mal-Iskola Sekondarja tal-Bniet Saint Thomas More***

Is-Sindku nfurmat li qed titħejja attivita' tal-Milied li qed tiġi kordinata bejn l-iskola hawn fuq imsemmija u l-Kunsill. Hija qalet li din l-attivita' ser issir fl-20 ta' Diċembru 2019. Hija qalet li ser jinxtraw xi dwal u l-ispiża nvoluta tammonta għas-somma ta' €179.00.

**6.5.7** ***Smart Bins in Open Spaces***

Is-Sindku qalet li l-Kunsill qed jintalab informazzjoni dwar fejn u kemm għandu bżonn jinstalla Smart Bins madwar il-lokalita'. Hija qalet li ser isir eżerċizju fl-inħawi tal-pjazzez u *playing field*.

**6.5.8** ***Culvert fi Triq Prinjoli***

Is-Sindku irreferit għal xogħol ta' manutenzjoni tal-*culvert* li hemm fi Triq Prinjoli. Qamet diskussjoni fuq ix-xogħol ordnat u l-Viċi Sindku qal li qgħad fuq il-parir li ngħata mid-Dipartiment tal-iStorm and Water Valley Management. Is-Sindku qalet li l-ispiża nvoluta ser titħallas minn Infrastructure Malta.

**6.5.9** ***Ċirkulari AKL 2019-051 – Inizjattiva MCCF 2019***

Is-Sindku rreferit għall-inizjattiva hawn fuq imsemmija li kienet approvata fil-Laqgħa tal-Kunsill numru 02-19. Il-Kunsillier Liam Sciberras qal li kien bagħt *e-mail* għax ma ndunax li din iċ-ċirkulari kienet fuq xi inizjattiva diġa approvata.

**6.5.10** ***Rampa fi Triq Gardenja***

Is-Sindku spjegat kif rampa li hemm fi Triq Gardenia għandha bżonn tersaq ftit minħabba li mhix prattika. Hija qalet li ser tkellem lill-kuntrattur biex tara x'jista jsir.

**6.5.11** ***Siġra fil-Playing Field Area***

Is-Sindku qalet li fil-*playing field* fejn ser jiġi r*einstated* il-*basketball pitch*, hemm siġra li għandha bżonn titneħħa. Hija qalet li l-Kunsill għandu l-konferma tal-Era li din is-siġra tista tinqala.

**6.5.12** ***Health & Safety Risk Assesment Review***

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li issa għaddew sentejn minn meta kien sar *risk assesment* tal-Kunsill u hemm bżonn li jsir *review* tal-*assesment* li kien sar. Hija resqet kwotazzoni ta' €175.00+ Vat għal dan is-servizz u kwotazzjoni ta' €100.00+Vat biex isir *Fire Drill* li jinkludi *training* għal *Fire Wardens.* Il-Kunsill qabel u approva l-kwotazzjonijiet għas-servizz imsemmi.

**6.5.13** ***Siġar fi Pjazza 7 ta' Lulju***

Is-Sindku qalet li l-NGO Grow 10 Trees ser ikunu qed jiżiraw tlett siġriet oħra fi Pjazza 7 ta' Lulju. Il-Kunsill approva din l-inizjattiva.

**6.5.14** ***Performance Appraisal Community Workers Scheme***

Is-Sindku ipproponiet li jiġi approvat il-*performance appraisal* tal-ħaddiema assenjati mal-Kunsill. Il-Kunsill ħalla f'idejn is-Sindku biex tapprova dawn il-*performance appraisals*.

**6.5.15** ***Inizjattiva mill-Why Not NGO***

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar Why Not NGO li ser jitħawlu bejn 75 u 100 siġra fil-Picnic Area. Saru xi suġġerimenti fosthom li jinżraw xi siġar fid-dħul u ħruġ li minn Dawret it-Torri tagħti għal Triq Luqa.

**6.5.16** ***PA/05015/19 – Applikazzjoni għal żvilupp fuq proġett tal-Awtorita tad-Djar***

Is-Sindku qalet li l-applikazzjoni għall-permess ta' l-Awtorita' tal-Ippjanar għall-proġett li l-Awtorita' tad-Djar ser twettaq f'Santa Luċija ġiet approvata. Hija qalet li ser joħorġu s-sejħiet pubbliċi għal dan il-proġett li mistenni jibda lejn in-nofs tas-sena d-dieħla.

**6.5.17** ***Garanzija bankarja għal użu ta' Ġnien is-Serenita'***

Is-Sindku rreferit għall-applikazzjoni biex jintuża Gnien is-Serenita' bħala *venue* għal ċerimonja u *reception* ta' tieġ skond il-Bye-Laws ta' dan il-ġnien. Il-Kunsill qabel li għandu jsir *guaranteed cheque* mill-bank għal ammont ta' €1000.00 minflok ta' *bank guarantee* skond kif stabbilit mill-*Bye-Laws.*

**6.5.18** ***Ilmenti u Suġġerimenti***

Il-Kunsill qabel li dawn is-suġġerimenti li jirrigwardaw l-andament tat-traffiku f'Santa Luċija għandhom jintbgħatu għall-attenzjoni ta' Infrastructure Malta:

- Is-sistema tal-ħruġ minn Triq Katerina Vitale għal Triq Luqa li qed taħdem tajjeb ħafna, issir ukoll fil-ħruġ minn Dawret it-Torri għal fuq Triq Luqa
- Biex tinqala' s-*sleeping police* għax il-karrozzi qed jagħmlu storbju meta jgħaddu minn fuqha.
-

Il-Kunsill innota dawn l-ilmenti u talbiet:

- Biex issir doggy bin fl-area tal-monument tas-Simbjożi
- Biex parking bay go Triq Inez Soler tinqasam f'żewġ parking bays
- Biex titbaxxa l-bankina fi Vjal Oleandri minħabba d-*drive in*
- Biex isir *single yellow line* fi Triq Inez Soler wara Block A

**6.6** **Kumitat tal-Evalwazzjoni: Offerta SLLC CM(57-19-07) – Servizz Professjonali ta' Contract Manager**

Il-Kunsill appprova l-kumitat ta' evalwazzjoni għas-sejħa hawn fuq imsemmija kif gej:
Charmaine St John – Chairperson
Frederick Cutajar – Evalwatur
Terrence Ellul – Evalwatur
Kylie D'Amato – Evalwatur
Caroline Silvio - Segretarju

**6.7** **Offerta SLLC DPO (57-19-06) Data Protection Officer – approvazzjoni tad-dokument tal-Offerta**

Is-Sindku rreferit għad-dokument tal-offerta hawn fuq imsemmija li kien intbgħat qabel lill-membri tal-Kunsill permess ta' *e-mail* biex ikollhom ċans jaqrawh. Il-Kunsill iddiskuta u approva d-dokument tal-Offerta hawn fuq imsemmija.

**6.8 Offerta SLLC SL(57-19-08) Data Protection Officer – approvazzjoni tad-dokument tal-Offerta**

Is-Sindku rreferit għad-dokument tal-offerta hawn fuq imsemmija li kien intbgħat qabel lill-membri tal-Kunsill permess ta' *e-mail* biex ikollhom ċans jaqrawh. Il-Kunsill iddiskuta u approva d-dokument tal-Offerta hawn fuq imsemmija.

***6.9 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera***

***6.9.1 Mistoqsija tal-Kunsillier Liam Sciberravs***

Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar il-problema ta' dawl tat-triq fi Vjal Oleandri u Triq il-Ġnien. Qamet diskussjoni rigward il-ħsara fil-*cable* tad-dawl li hemm f'dawk l-inħawi. Ġie nutat li l-*barriers* li hemm fi Triq il-Ġnien bħalissa qed jilqgħu d-dawl li ġej minn Triq tal-Barrani. Ġie propost li jsir dawl f'kull entratura tal-binjiet minn Binja 1 sa 4.

***6.9.2 Mistoqsija mill-Kunsilliera Kylie D'Amato***

Il-Kunsilliera D'Amato staqsiet dwar kemm hu possibli li waħda miċ-ċanet tal-ħamrija li hemm fi Pjazza Dorell jieħdu ħsiebha l-Girl Guides ta' Santa Luċija biex fiha jinżergħu fjuri, xitel etc. Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu għal din l-inizjattiva.

**6.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss u data tal-Laqgħa tal-Lokalita'**

Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa, 18 ta' Diċembru 2019 fil-5.30p.m. Il-Laqgħa tal-Lokalita' ser issir nhar l-Tnejn 9 ta' Diċembru 2019 fil-5.30p.m fit-Tea Room fi Ġnien is-Serenita'.

**Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2019**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| **Charmaine St John** | **Caroline Silvio** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |